MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Numru. 1336/2011

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Zammit ta' 33 sena, bin Anthony Zammit u Maria Dolores Zammit xebba Bugeja, mwieled Sliema nhar l-10 ta' Settembru 1978, residenti Minor Court Blk D, Flt 8, Triq Giuseppe Despott, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 431378(M).

Talli;

Fid-9 ta’ Novembru 2011, ghall-habta ta` bejn l-4pm u l-4:30pm, minn go residenza bl-isem ta` Claymore, Triq Qrib Sant` Anton Attard, ikkommetta serq ta` diversi oggetti fosthom nkwadri u mejda, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi is-somma ta` €233, izda inqas minn €2330 ghad-detriment tas-sid ta` l-istess fond.

U aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta gie misjub hati b`sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula jew mhassra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi fuq il-mertu ta' din il-kawza l-Qorti ftit ghandha x'tiddilunga. L-imputat gie akkuzat li dahal fil-fond "Claymor", Triq Qrib Sant' Anton, Attard, u seraq kwadri u mejda zghira, b'kollox ta' valur li ma jeccedix l-elfejn u tlitt mitt Ewro. Xi hadd ra persuna hierga minn din id-dar u tiehu l-affarjiet go vettura tat-tip BMW numru BBV 317, li hija proprjeta' tal-istess imputat. Il-Pulizija immedjatament ghamlet tfittxija fid-dar tal-imputat, u sabu l-mejda misruqa hemm. Mistoqsi fl-istqarrija kif spiccat ghandu, hu qal li sabha barra fit-triq. Ghal xi raguni, l-imputat ma ressaq ebda provi, ghalkemm inghata opportunita'.

Minn dawn il-provi huwa evidenti li l-imputat kien fuq ix-xena tad-delitt u kien fil-pussess ta' hwejjeg misruqa, minghajr ma ta spjegazzjoni logika ghat-tnejn. Il-Qorti ghalhekk m'ghandha ebda dubju li kien l-istess imputat li sgassa l-bieb tal-fond imsemmi, seraq l-oggetti indikati, ghabbihom fil-vettura tieghu u telaq bihom. Ghalhekk, il-Qorti ser issibu hati tal-imputazzjon ta' serq. Kwantu ghall-addebitu tar-recidiva, din tinsab ukoll ippruvata bl-esebizzjoni tas-sentenzi fil-konfron ttieghu. Ghalhekk, il-piena ser ikollha tkun wahda li tirrestringi l-liberta' tal-persuna.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il-Qorti qieghda ssibb lill-istess imputat Joseph Zammit hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghaldaqstant qieghda tikkundannah piena ta’ sena prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------